MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MIDJA

## Aġġornament lill-investituri li għandhom investiment fl-ARM Asset Backed Securities S.A.

## Catalyst Investment Group Limited [‘Catalyst’]

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta [“MFSA”] tixtieq taġġorna lill-pubbliku rigward l-aħħar żviluppi dwar il-prodott finanzjarju ARM.

F’ Malta, titoli [securites] maħruġa minn ARM kienu mibjugħin minn numru ta’ intermedjarji finanzjarji. Kumpanija fir-Renju Unit jisimha Catalyst, illiċenzjata mir-regolatur fir-Renju Unit, kienet qed tippromwovi t-titoli maħruga minn ARM permezz ta’ intermedjarji lokalizzati fir-Renju Unit kif ukoll f’ Malta.

Ir-regolatur fir-Renju Unit għamel investigazzjoni fuq Catalyst u f’Ottubru 2013, iddikjara li Catalyst ma kinetx f’qagħda li tagħmel tajjeb għal talbiet għal ħlas li jistgħu isiru kontriha.

Skond il-liġi tar-Renju Unit, f’ċirkostanzi fejn investituri setgħu ġew imqarrqa minn ditti [firms] awtorizzati fir-Renju Unit, dawn l-investituri jistħu jkunu eliġibbli biex jirċievu kumpens mingħand il-Financial Services Compensation Scheme (‘FSCS’) tar-Renju Unit.

Wara li analizzat id-dokumentazzjoni li qassmet Catalyst dwar il-prodott ARM, l-FSCS qed tikkunsidra jekk Catalyst hijiex responsabbli għal parti mit-telf li sofrew xi investituri fl-ARM.

F’dawn l-aħħar ġimgħat, l-MFSA kienet qed tikkollabora mar-regolatur fir-Renju Unit u kienet f’diskussjoni kontinwa mal-FSCS biex jiġi deċiż jekk investituri Maltin fl-ARM jistgħux jagħmlu talba għal kumpens mal-FSCS.

F’dan l-istadju, huwa prematur biex jingħad jekk l-FSCS hux ser tiddeċiedi li l-investituri Maltin fl-ARM huma eliġibbli għal kumpens. Anke jekk FSCS tiddeċiedi li investituri Maltin jistgħu jagħmlu talba għal kumpens mal-FSCS, l-ammont massimu ta’ kumpens pagabbli mill-FSCS lil kull persuna huwa ta’ mhux aktar minn 50,000 lira sterlina.

Hekk kif l-Awtorità jkollha aktar tagħrif dwar id-diskussjonijiet mar-regolatur fir-Renju Unit u l-FSCS, hija tippublika aġġornament ieħor.

L-FSCS ippublikat ‘Frequently Asked Question’ [‘FAQ’] fuq il-website tagħha:

http://www.fscs.org.uk/what-we-cover/questions-and-answers/qas-about-arm-and-catalys-j847tta1d/

L-MFSA se tkompli tinforma lill-investituri Maltin rigward kull żvilupp.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**10 ta' Diċembru 2013**
**Ref: MFSA MR 09/2013**